**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Christopher Farrugia**

Numru: 737/2020

Illum 5 ta' Frar 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Christopher Farrugia,** imwieled fit-3 ta' Ottubru 1984, residenti fil-fond 'Tal-Gnejna Court', Blk C, Mais 1, Triq il-Komittiva, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 40384(G), fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi akkuzat:

Talli waqt spezzjoni b'sorpriza li sehhet fit-13 ta' Ottubru 2019 gewwa Maxokk Bakery, St. James Street, Nadur, Gozo, hu, jew impjegati tieghu

jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skont il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

**Rat li r-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-VAT waslu tliet kwarti tard mill-hin li fih kienu appuntati l-kawzi u ghalhekk il-Qorti flok iddifferiet il-kawzi ghal data ohra talbet lill-ufficjali tal-Pulizija, l-imputati prezenti u l-Avukati difensuri biex jistennew biex il-kaz taghhom ikun deciz illum u ma jkunx hemm il-bzonn jergghu jidhru;**

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Semghet sottomissjonijiet finali;

Rat illi l-provi f'dan il-kaz gew debitament registrati u traskritti;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Il-fatti tal-kaz</u>**

Illi dan il-kaz imur lura ghat-13 ta' Ottubru 2019 meta Spetturi tal-VAT marru fil-Maxokk Bakery in-Nadur ghal spezzjoni, liema hin tal-ispezzjoni mhux imsemmi fl-akkuza izda minn ircevuta ezebita u Z reading mehud mill-forn jidher li din saret ghall-habta tat-tlieta ta' waranofsinhar (3:00p.m.). L-ispetturi qeghdin isostnu li l-imputat biegh flixkun ilma zghir u ma harigx ircevuta ta' sebghin centezmu (€0.70).

Min kien fil-hanut, l-imputat li hu t-tifel tal-proprjetarja, spjega lill-Qorti li persuna kienet xtrat pizza u wara li hallset u harget regghet irritornat u riedet flixkun ilma u din harget 'il barra u hallietlu one Euro (€1) u ma kienx hareg ircevuta sakemm talbuh jaghmel hekk l-Ispetturi tal-VAT. Huwa ghaddielhom ukoll iz-Z reading li dakinhar jum fil-harifa sa dak il-hin tal-ispezzjoni kellu bejgh ta' tliet mija u ghoxrin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€320.51). **L-imputat ha r-responsabbilta' tal-azzjoni tieghu minhabba li harget akkuza simili lil ommu bhala proprjetarja tal-forn.**

Ix-xhieda tal-Ispetturi tal-VAT u dik ta' min kien qieghed ibiegh fil-forn u cioe' l-imputat taqbel dwar x'gara dakinhar. Izda hemm dettal importanti fix-xhieda tal-imputat fejn hu sostna u pprezenta dokumenti li wara din l-ispezzjoni huwa kien issetilja b'mod amministrattiv in-nuqqas tieghu billi hallas erba' mitt ewro (€400) fejn bhala prova ta' dan esebixxa *cheque* mahrug mil-Lombard Bank data 30 ta' Ottubru 2019 (Dok CF2) u ircevuta mid-Dipartiment li sar dan il-hlas fl-4 ta' Novembru 2019 (Dok CF1). L-imputat spjega li r-rapprezentanti tad-Dipartiment infurmawh li hu jista' jiehu r-responsabbilta' tal-kaz u tithallas multa amministrattiva wahda.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

F'kull kaz stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. **Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat**. (Enfasi tal-Qorti)

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[1] tal-Kodiċi Kriminali.

Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. John Gauci**" [30.5.2003 ], *"Il-Ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , bhal hafna ligijiet fiskali ohra, hija rigoruza ghall-ahhar fl-esekuzzjoni w implimentazzjoni taghha w c-cittadin li ma jirrispettax it-termini minnha mposti hu soggett ghall-pieni w penali li f'hafna kazijiet huma irriversibbli. Ghalhekk hu fl-interess tac-cittadin li jikkonforma ruhu ma dawn it-termini."*

F'dan il-kaz id-difiza rnexxielha tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi taghha fuq bazi ta' konvinciment morali fuq bilanc ta' probabbilta' li dan il-kaz tassew kien *settled* b'mod amministrattiv kif juru d-dokumenti esebiti u ghalhekk *"fl-interess tac-cittadin li jikkonforma ruhu"*[2], barra x-xhieda li ta l-imputat kif analizzata bil-linja gwida li jipprovdi Artikolu 637 tal-Kap 9.

[1] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

[2] Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Calleja deciza fid-9 ta' Lulju, 2003

F'kazijiet bhal dawn li huma ta' natura sommarja huwa importanti li l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz immexxija minn rapprezentant tad-Dipartiment tal-VAT ikollha l-file shih tal-persuna imputata ghaliex mhux sewwa li mbaghad xi hadd jippretendi li l-Qorti issib lill-persuna hatja darbtejn tal-istess reat meta jkun diga' ottempora ruhu biex ihallas il-multa amministrattiva biex il-kaz tieghu ma jasalx il-Qorti. Il-Qorti tfakkar x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'kaz marbut mas-seduta tal-VAT fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs John Gauci** deciz mill-Imhallef Joe Galea Debono fit-30 ta' Mejju 2002:

> *Din il-Qorti pero' ma tistax ma tosservax li bhal f'dan il-kaz, fejn si tratta ta' "nil return" u li l-multa u l-penali tigi inkorsa biss ghaliex it-tax payer jew persuna registrata semplicement ma tkunx ottemporat ruhha ma' formalita' li trid il-ligi, ghax fil-fatt "prima facie" ma jkunx jidher li giet evaza jew evitata xi taxxa, ghandu jkun hemm dispozizzjonijiet li jaghtu lill-Kummissarju diskrezzjoni li f'kazijiet genwini ma jesigix hlas ta' multi jew penali jew li jesigi multi u penali ridotti aktar konformi mac-cirkostanzi tal-kaz. Hu veru li l-penali f'dan il-kaz mhux pagabbli lid-Dipartiment tal-VAT imma lir-Registru tal-Qorti, imma l-procediment odjern gie inizjat fuq talba tad-Dipartiment tal-VAT li f'certi kazi ghandu jkollu is-seta' li ma jesigix li issir prosekuzzjoni, jew titkompla prosekuzzjoni, meta c-cittadin ikun ottempora ruhu u meta ma jkunx irrizulta "prima facie" xi evazjoni fiskali;*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Joseph Grech** |
| **Magistrat** | **Deputat Registratur** |